DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2025

tal-15 ta' Novembru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ fir-rigward ta' standard kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 ([1]) fit-18 ta' Novembru 2016 fis-sede tan-Nazzjonijiet Uniti f'New York, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Il-Ftehim daħal fis-seħħ b'mod proviżorju fl-1 ta' Jannar 2017 f'konformità mal-Artikolu 31(2) tiegħu u ġie konkluż f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (il-"Kunsill tal-Membri") għandu jadotta deċiżjonijiet li jemendaw l-istandards kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ.

(3) Fil-25 ta' Novembru 2021, matul il-114-il sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-Membri għandu jadotta deċiżjoni li temenda standard kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ ("id-deċiżjoni emendatorja").

(4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri, peress li d-deċiżjoni emendatorja li għandha tiġi adottata mill-Kunsill tal-Membri ser ikollha effetti legali fuq l-Unjoni fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali mal-membri l-oħra tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ u tista' tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni li jikkonċernaw iż-żejt taż-żebbuġa adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(5) Id-deċiżjoni li trid tiġi adottata mill-Kunsill tal-Membri tirrigwarda t-tibdil ta' xi parametri kimiċi taż-żjut taż-żebbuġa u taż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ, jiġifieri l-inklużjoni l-arblu tad-deċiżjonijiet dwar il-limitu tal-aċidu linoleniku bejn 1,00 u 1,40 %, ir-reviżjoni tal-arblu tad-deċiżjonijiet għaż-żjut taż-żebbuġa raffinati u għaż-żjut taż-żebbuġa u r-reviżjoni tal-arblu tad-deċiżjonijiet għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ mhux raffinati u raffinati. Id-deċiżjoni emendatorja ġiet diskussa b'mod estensiv bejn l-esperti xjentifiċi u tekniċi għaż-żejt taż-żebbuġa tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Id-deċiżjoni emendatorja ser tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards taż-żejt taż-żebbuġa u ser tistabbilixxi qafas li ser jiżgura kompetizzjoni ġusta fil-kummerċ tal-prodotti tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa. Għalhekk jenħtieġ li d-deċiżjoni emendatorja li trid tiġi adottata mill-Kunsill tal-Membri tiġi appoġġata.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(6) Jekk l-adozzjoni tad-deċiżjoni emendatorja matul il-114-il sessjoni tal-Kunsill tal-Membri tiġi posposta minħabba li ċerti Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jagħtu l-approvazzjoni tagħhom, jenħtieġ li l-pożizzjoni, li tiġi appoġġata l-adozzjoni tad-deċiżjoni emendatorja, tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-qafas ta' proċedura possibbli għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, f'konformità mal-Artikolu 10(6) tal-Ftehim. Il-proċedura għall-adozzjoni permezz ta' skambju ta' korrispondenza jenħtieġ li tinbeda qabel is-sessjoni regolari li jmiss tal-Kunsill tal-Membri f'Ġunju 2022.

(7) Jekk il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni x'aktarx tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel jew matul il-114-il sessjoni, jenħtieġ li, sabiex jiġi ppreservat l-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni titħalla titlob li l-adozzjoni tad-deċiżjoni emendatorja tiġi posposta għal sessjoni iktar tard tal-Kunsill tal-Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri fil-25 ta' Novembru 2021 waqt il-114-il sessjoni tiegħu jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza li jrid jinbeda qabel is-sessjoni regolari tiegħu li jmiss f'Ġunju 2022, fir-rigward ta' standard kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ, għandha tkun li tiġi appoġġata l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Membri tad-deċiżjoni li temenda l-istandards kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ ([4]).

Artikolu 2

Jekk il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 x'aktarx tiġi affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata qabel jew matul il-114-il sessjoni tal-Kunsill tal-Membri, il-Kummissjoni għandha titlob li l-adozzjoni tad-deċiżjoni li temenda standard kummerċjali applikabbli għaż-żjut taż-żebbuġa u għaż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ tiġi posposta sakemm il-pożizzjoni tal-Unjoni tiġi stabbilita abbażi ta' dik l-informazzjoni l-ġdida.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PODGORŠEK

([4]) Ara d-dokument ST 12781/21 fuq http://register.consilium.europa.eu